**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Lulju 2021**

**<u>Rikors nru: 222/2019 AGV ;</u>**

**BGA**

**vs**

**EA**

**Il-Qorti,**

**Rat** ir-Rikors guramentat ta' BGA datat 25 ta' Settembru elfejn u dsatax fejn espona bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-14 ta' Gunju 2009 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel u cioe, T, li twieled fit-3 ta' Gunju 2011 (**Dok. A**).

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u l-partijiet infirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo fit-3 ta' Awwissu 2017 (**Dok. B**).

3. Illi jinghad illi wkoll qabel ma gie ppublikat l-imsemmi kuntratt tas-separazzjoni, l-attur kien kostrett illi jipprocedi kontra l-konvenuta biex jara lil ibnu ghaliex il-konvenuta kienet qeghda tikkontendi illi t-tifel ma riedx jarah.

4. Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet irregolaw il-kura u l-aċċess rispettivi taghhom tal-minuri billi ftehmu dan illi gej :-

   i) Fil-jum ta '*mistrieħ'* tal-missier, il-missier għandu jkollu aċċess bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) u s-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm).
   ii) Fuq ix-xiftijiet ta' *'maintenance and back up'*, il-missier għandu jkollu aċċess nhar it-Tlieta u l-Ħamis bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) u s-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm).
   iii) Matul il-weekend *sleepovers* se jsiru fuq bażi alternattiva ta' kull ġimgħa. (dan jinbidel minħabba x-*shift* tal-missier).
   iv) Matul il-vaganzi tas-sajf tal-minuri (eskluż l-weekend) fil-ġurnata meta il-missier ghandu '*day shift*' it-tifel għandu jqatta' mit-tmienja ta' filgħaxija (8.00pm) sas-siegha ta' wara nofsinhar (1.00pm) tal-jum ta' wara mal-missier.

v) Meta l-missier ikollu *'rest shift'*, il-minuri għandu jqatta' mit-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) sas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7.30pm) mal-missier.

5. Illi, kif inhu mplicitu mit-test tieghu, dan l-arranġament kien miftiehem peress illi l-attur jaħdem fuq bażi ta' '*shift'* u ghalhekk kien impossibbli li fil-kuntratt ta' seperazzjoni jissemmew ġranet speċifiċi matul il-ġimgħa fejn il-minuri jkun jista' jara lil missieru.

6. Illi f ' Gunju ta' din is-sena, u nonostante l-eżistenza tal-imsemmija stipulazzjonijiet kontrattwali, il-konvenuta reġgħet bdiet tirrifjuta lill-attur zewgha milli jkollu aċċess għall-imsemmi minuri billi mill-gdid tikkontendi illi t-tifel ma riedx ikun ma' missieru, b'mod illi ghalkemm l-attur jipprezenta ruhu puntwalment biex jiehu lit-tifel ghal access, t-tifel, taħt is-sorveljanza soddisfatta tal-konvenuta, ighid lil missieru illi ma jridx immur mieghu.

7. Illi appuntu sabiex jindirizza din is-sitwazzjoni, l-attur fid-29 ta' Lulju 2019 ipprezenta proceduri ta' medjazzjoni. Flimkien mal-imsemmija ittra ta' medjazzjoni, l-attur ipprenzenta rikors fejn talab illi l-proceduri ta' medjazzjoni jseħħu bl-urġenza. Dan ghamlu ghaliex irid jara jekk l-konvenuta ghandiex xi spjegazzjoni plawżibbli ghal kondotta ta ' binhom. Ghalhekk, wara laqgha wahda biss, perezz illi l-konvenuta ma kelliex spjegazzjonijiet raġonevoli jew plawzibbli ghaliex qieghda tirrifjuta l-access tal-attur, l-attur talab illi l-proceduri ta' medjazzjoni jigu magħluqa sabiex din il-kawża tkun tista' issir u wkoll sabiex din is-sitwazzjoni tinġieb għall-attenzjoni tal-qrati.

8. Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Settembur 2019 (**Dok. C**).

9. Illi fl-umili fehma tal-attur, hemm lok ghall-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti ghaliex ma jistax jigi mholli jigri illi tifel tal-eta' tenera tal-minuri T jigi sistematikament imcahhad mill-imhabba, l-ghozza u l-kura ta' missieru minhabba l-burdati, l-piki u l-ghira ta' ommu u li jinhtieg ghalhekk illi, wara li jsir smiegh xieraq tal-kontendenti, dina l-Onorabbli Qorti tipprovdi dwar fejn u ma' liema genitur ghandu jghix it-tifel u kemm ghandu jkollu kuntatt mal-genitur l-iehor.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi:-

i. Thassar u tannulla, fl-interess suprem tal-istess minuri TGA dak kollu miftiehem mill-kontendenti fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Henri Vassallo tat-3 ta' Awwissu 2017 dwar il-granet, hinijiet u modalitajiet ohra ta' access stabbiliti fl-imsemmi kuntratt favur l-attur fir-rigward tat-tifel minuri, inkluz il-modalitajiet ta' access;

ii. Tordna illi fl-ahjar interess tal-imsemmi minuri, TGA, iben il-kontendenti, il-kura u l-kustodja tal-istess minuri tigi fdata lill-attur missieru b' mod illi l-post tar-residenza tal-istess minuri tkun mal-attur u dan salv access ghall-istess minuri lill-konvenuta illi jigi ezercitat skond kif jigi ordnat mill-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri, ukoll wara li jitqiesu l-anticedenti tal-istess konvenuta u l-karattru taghha;

Bl-ispejjes, komprizi, dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni u tar-rikors pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta u kontra l-istess konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata tal-konvenuta** datata 5 ta' Novembru elfejn u dsatax  fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha l-istess EA,  ikkonfermat:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

2. Illi ma jissusistux ic-cirkostanzi illi jaghtu lok ghal sitwazzjoni fejn l-eccipjenti titlef il-kura u kustodja ta' binha. Ghall-kuntrarju, huwa proprju r-rikorrent illi b'ghemil immatur u mhux idoneju ta' genitur gerrex lill-minuri sa punt illi l-mera presenza tieghu qed tqanqal fil-minuri sensazzjoni ta' ansjeta' u tensjoni kbira, kif ser jigi ppruvat.

3. Illi l-intimata qatt ma rrifjutat lil BGA  milli jkollu access ghal ibnu minuri tant illi kull jum u hin ta' access hija tnizzel lit-tifel barra fit-triq izda t-tifel bl-akbar insistenza ma jkunx jrid jmur ma' missieru, tant illi jibda' jsir ansjuz, jaghmel xenati u jibki, bil-konsegwenza illi l-attur jaqbad jerga' jidhol fil-karrozza u jitlaq, dan minkejja t-tentattivi tal-intimata li tikkonvincih jmur ma' missieru.

4. Illi minflok ma' l-attur fetah il-proceduri ta' medjazzjoni *'ghaliex irid jara jekk il-konvenuta ghandiex xi spjegazzjoni plawzibbli ghal kondotta ta' binhom*', imissu jimpenja ruhu sabiex minflok kull darba l-minuri jirrifjuta jitla' fil-karozza ma' missieru jmur jaghmel rapport

l-Ghassa tal-Pulizija, jwarrab l-atteggjament puwerili u supperv tieghu u jara kif ser jaghmel biex ir-relazzjoni bejnu u bejn ibnu terga' tigi rikucita u restawrata b'mod matur. Jekk irid ir-risposti, ghandu jsibhom madwaru u permezz tal-imgieba tieghu. Huwa bl-agir tieghu illi rnexxilu jgerrex tifel ta' tmien snin – din hija sitwazzjoni gravi illi trid tigi ndirizzata bis-serjeta' u mhux b'suppervja u sens ta' tpattija versu l-intimata, kif kien wieghed illi jaghmel. Tifel ta' tmien snin ghandux jkun qed jwiddeb u jikkoregi lil missieru; daqslikieku l-irwoli gew invertiti.

Salv Eccezzjonijiet ohra.

**Il-Qorti rati l-Kontro-Talba** ta' EA fejn bil-gurament iddikjarat illi taf is-segwenti fatti personalment, u ghalhekk tesponi bir-rispett:

1. Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mir-rikors guramentat ppresentat kontra taghha mir-rikorrent sabiex tippresenta l-odjerna Kontro Talba.

2. Illi l-partijiet zzewgu l-14 ta' Gunju, 2009 u sseparaw fit-3 ta' Awissu 2017 permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo. Il-partijiet kienu ilhom de facto separati minn Gunju 2016.

3. Illi minn meta l-partijiet waqqfu jghixu taht l-istess saqaf deher immedjatament apparenti illi BGA  ma kienx qieghed jkun f'posizzjoni jiehu hsieb lill-minuri b'mod matur u responsabbli. Ta' spiss, il-minuri kien jithalla fil-kumpanija ta' ohtu, u hafna drabi meta kien ikun mieghu kien jhallih quddiem it-televizjoni waqt li l-attur rikonvenzjonat kien jkun rieqed. Drabi ohra kien johrog jixrob ma shabu filwaqt li l-minuri kien

jhallih wahdu. Ripetutament, kien jhassar l-access minhabba affarijiet li l-attur kien jtihom aktar priorita'. Fuq bazi regolari ma kienx jiehdu ghall-attivitajiet extra kurrikulari.

4. Illi danakollu, fost affarijiet ohra, hallew effett negattiv hafna fuq il-minuri sal-punt illi ma jridx jiltaqa' aktar ma missieru. Il-minuri spicca jbati minn ansjeta' u outbursts ta' rabja semplicement ghaliex kien jkun ser jigi ghalih missieru sabiex jiehdu ghall-access. Ftit xhur ilu l-minuri rrifjuta ghal kollox li jmur aktar ma missieru.

5. Illi minkejja li l-minuri qieghed hafna aktar trankwill minn meta waqaf jmur ghall-access ma' l-attur rikonvenzonjat, din is-sitwazzjoni hemm bzonn li tigi indirizzata b'mod serju u professjonali.

6. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-minuri u BGA mhix ser tittranga qabel l-attur jbiddel atteggjament tieghu, jekk hemm bzonn billi jitharreg f'parental skills sabiex eventwalment jerga' jirbah il-fiducja ta' ibnu u jtejjeb ir-relazzjoni ta' bejniethom.

7. Illi atteggjament u diskors fis-sens li *'jekk mintix ser tigi mieghi ommok ser tispicca l-habs'*, mhuwiex ser jaghmel gid lil tifel ta' dik l-eta'. L-effetti li qed johloq BGA huma biss ta' biza', instbabilita' u *lack of security* – il-kuntrarju ta' dak li ghandu bzonn il-minuri. L-attur rikonvenzjonat ghandu bzonn jinduna li l-atteggjament tieghu qieghed jbezza' u jgerrex lill-minuri minflok jigbdu lejh.

8. L-attur fir-rikors guramentat tieghu konvenjentement ma jsemmi xejn mis-suespost, u jipprova jaghti l-impressjoni illi l-access qed jigi

michud minnu da parti ta’ EA  b’mera kapricc taghha. Il-provi ser juru mod iehor.

9. Illi l-partijiet ghaddew mill-process ta` medjazzjoni izda din il-medjazzjoni ma tatx frott.

10. Illi l-intimata giet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet tal-20 ta’ Settembru 2019 (Dok C ppresentat mill-attur rikonvenzjonat)  sabiex tintavola dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Thassar u tannulla, fl-interess suprem tal-minuri TGA il-provvedimenti kollha rigwardanti l-modalita’ ta’ access ta’ BGA  versu ibnu minuri, kif miftiehma fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali ffirmat bejn il-partijiet datat 3 ta’ Awissu 2017 u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Henri Vassallo.

2. Tordna l-emenda fil-kuntratt ta’ separazzjoni fis-sens li dawk il-klawzoli li jikkoncernaw l-access ta’ BGA  versu ibnu minuri jigu sostitwiti b’modalita’ li dina l-Qorti jidhrilha xierqa tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, liema modalita’ ghandha tirrispekkja d-digriet tat-3 ta’ Settembru 2019, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea, tax-xhieda kkwalifikati li tkellmu u jsegwu lill-minuri, occorrendo wkoll wara illi l-istess minuri jinstema’ direttament minn dina l-Onorabbli Qorti, ghal dik li huma l-posizzjoni u x-xewqat tieghu.

3. Tiffissa jum, lok u him ghall-pubblikazzjoni tal-emenda tal-att in kwistjoni, tappunta lin-Nutar Dr Henri Vassallo ghal dan il-ghan kif ukoll

tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lill-intimat f'kaz tal-kontumacja tieghu.

4. Tordna wkoll illi l-attur rikonvenzjonat jigi segwit minn family therapist nominat appositament minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jinghata kwalsiasi direzzjoni/assistenza, nkluza izda mhux limitata ghal *parental skills*, bil-ghan illi tigi ripristinata r-relazzjoni bejn l-attur u ibnu minuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta Guramentata** ta' BGA fejn espona bir-rispett:-

**Eccezzjonijiet**

1. Illi l-Kontro-Talba istitwita mill-konvenut rikonvenzjonant hija nulla minhabba nuqqas ta' validita' formali u dan skont kif mahsub fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 398(2), 156(1)(d) u 789(1)(c)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi l-ewwel talba hija komuni bejn il-partijiet.

3. Illi t-tieni u t-tielet talbiet huma opposti bhala nulli u nsostenibbli peress illi ma jaqax taht il-mansjoni tal-Qrati illi tissostitwixi l-kunsens ta' parti ghall-kuntratt bil-kunsens taghha. Kemm-il darba jkun hekk lok – kif inhu l-kaz f' din il-vertenza – illi l-Qorti tvarja dak miftiehem bejn il-partijiet f' kuntratt ta' separazzjoni, dan isir billi l-Qorti tghati dawk l-ordnijiet illi jidrilha xierqa u mhux billi l-Qorti tordna l-partijiet jwettqu l-kunsens taghhom ghal varjazzjoni mposta fuqhom jew min minnhom mill-Qorti.

4. Fi kwalunkwe kaz, it-tieni u t-tielet talbiet maghmula mill-konvenuta huma opposti billi r-rapport tal-imsemmija Avukat tat-Tfal qatt ma ghandu jinghata ebda sehh billi assolutament ma huwiex fl-interess ta' ebda wild illi jiddeciedi hu jekk ikollux jew le rapport ma' missieru jew jiddeciedi jekk post missieru qiex jew le mehud mis-sieheb t' ommu.

5. Illi r-raba talba hija opposta bhala null u nsostenibbli peress illi l-Qorti ma ghandiex is-setgha illi tordna xi kura ghal xi parti illi tkun f' kawza quddiemha hlief fejn dik is-setgha hija specifikatament mghotija lilha bil-ligi.

6. Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez hija opposta peress illi hija l-attrici li hija hatja tas-separazzjoni u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu minnha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-tfal Dr.Stephanie Galea.[1]
Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**FATTI**

1.L-attur ighid li l-problemi biex jara lil ibnu bdew malli l-konvenuta telqet mid-dar. Kienet hadet lit-tifel maghha u kienet taghmillu hajtu difficli biex jarah. Kienet tghidlu li ma kinitx qed issib hin biex tiehu lit-tifla ghandha.

[1] Ara Dok. EA 4 a fol. 64 tal-process.

Kien biss wara li ffirmaw il-kuntratt f'Awissu, 2017 li l-acccess kien qed isir b'mod regolari.

Imbaghad ighid li minn xi erba' xhur 'l hawn, regghu spiccaw kif kienu qabel ma ffirmaw il-kuntratt, it-tifel ma riedx jiltaqa' mal-attur u lanqas ma ried jorqod ghand missieru u sal-lum kien ghadu ma jafx x'kienet ir-raguni. It-tifel kien qallu li mhux ser jiltaqa' mieghu ghax ma kienx hadu fil-post li wieghdu u li ma kienx qed ighaddi flus lill-konvenuta.

Xorta kien jipprova jmur jara lil ibnu u jew ma jsibux id-dar, jipprova jikkomunika kemm mal-konvenuta kif ukoll mat-tifel fuq il-mobile, izda jew ikun mitfi jew ma jirrispondux jew altrimenti kien isibu lest liebes ghall-okkazzjoni ghal xi attivita' li tkun ser tiehdu l-konvenuta, imbaghad isir jaf li qieghed fuq il-boat tal-partner tal-konvenuta,

L-attur jispjega li hu jzomm mal-access u mbaghad meta jmur biex jara lill-minuri jew ma jsibux hemm jew ighidlu li ma jridx imur mieghu. Ighid li l-ahhar li kellmu kien l-ghada tal-Milied biex tah ir-rigal. Kien hemm okkazzjoni ohra fejn il-konvenuta hallietu jkellmu ghax kellu jtih il-flus tal-manteniment. Jistqarr ukoll li gieli jistennih jasal mill-iskola u malli jinzel mill-van jahrab 'l gewwa u lanqas ikellmu. Il-konvenuta tkun xhud ta' dan kollu u lanqas tikkoregi lit-tifel.

Illum il-konvenuta tghix mal-partner taghha JM u gieli thalli lit-tifel minuri mieghu, meta jkun imissu l-access mieghu. L-istess problema kienet qed tinholoq fis-sajf ghaliex meta suppost ikollu l-access, il-konvenuta tiehdu fuq id-dghajsa tal-partner taghha ghal weekend shih. Kien jirnexxielu jmur jarah ukoll waqt li kien jattendi l-lezzjonijiet tal-ghawm, izda l-konvenuta kienet iddecidiet li twaqqafhomlu.

Kien hemm problemi minhabba l-hinijiet tal-Muzew. Peress li l-Muzew kien ftit passi ‘l boghod mid-dar tal-konvenuta, kien jitlobha biex jigbor lit-tifel wara l-Muzew, peress il-hin minn meta jasal mill-iskola, biex jiekol u jaghmel il-homework kien ftit u ma kienx ilahhaq jiehdu, izda l-konvenuta kienet irrifjutat.

L-attur jinsisti li qatt ma kien gie nfurmat bir-raguni ghalfejn it-tifel ma jridx imur mieghu u dan meta jibghatlu messaggi biex ighidlu “good night” u biex ighidlu li jhobbu.

2. Il-konvenuta tghid li ghall-bidu taz-zwieg taghhom, ir-relazzjoni bejn l-attur u l-minuri kienet normali l-problemi bejn l-attur u ibnu kienu ilhom hemm cirka xi sena qabel ma sseparaw. Hi kienet tiehu hsieb kollox in kwantu jirrigwarda t-tifel. Maz-zmien tispjega li l-*bond* bejniethom ma kinitx daqshekk qawwija. Kienet titkellem mal-attur biex tipprova tispjegalu li ghandu jaghti attenzjoni lit-tifel u mbaghad kienu ftehmu li jkun ahjar meta l-attur ikollu shift ta’ bi nhar ighaddi hin ma’ missieru.

Meta T beda jattendi l-iskola Kamp Sajf organizzata mll-Parrocca ta’ Swatar kien eccitat hafna biex jattendi u kien mar ighid lill-attur filghodu, li baqa’ rieqed. Imbaghad l-affarijiet bdew jaggravaw ghall-habta tas-sena 2016, meta l-attur ma kienx mar lura d-dar ghall-jumejn.

Wara li telqet mid-dar bit-tifel ghall-habta ta’ Gunju, Lulju, 2016, peress li ma kienx irid imur mal-attur, kienet tmur maghhom hi. Pero’ tinsisti li l-minuri dejjem kien isibha tqila biex imur u kien dejjem b’xi skuza. It-tifel ma kienx ikun eccitat biex imur u lanqas hi, izda kienet taghmilha ghax kien importanti ghat-tifel. Meta marret tghix mal-genituri taghha, it-tifel minuri donnu kien iktar rilassat u dan minhabba li kien sab ambjent differenti. Il-

familja taghha kienu joqoghdu kollha fl-istess blokk u kienu jinvolvuh fl-attivitaijiet tal-parrocca s-Swatar. Kien f’Lulju, 2019, meta t-tifel kien gie lura mill-access jibki u qalilha li ma riedx imur iktar ghax l-attur il-hin kollu jghid kontra l-konvenuta u l-partner taghha. L-ghada li kien imissu l-access, il-minuri beda jibki u tkellem mal-attur fuq it-telefon u qallu r-raguni ghalfejn ma riedx imur mieghu. Tghid li dak iz-zmien il-minuri kellu biss hames snin, izda huwa tifel intelligenti hafna u dejjem irid jipprotegi lil ommu

Il-konvenuta tistqarr ukoll li l-attur ma kienx jiehu lill-minuri ghall-ghawm jew il-Muzew u kien ighid lill-minuri li dan kien xoghol ta’ ommu. Tametti ukoll li ghalkemm il-minuri ghandu tmien snin, matur hafna u jikkoreggi lil missieru biex jipproteggiha. Kien jilmenta ukoll li apparti li l-attur ma jaghmilx attivitajiet mieghu, gieli jiehdu ghand iz-zija Helga waqt l-access u joqghod jisma’ diskors kontriha. L-unika persuna li ma kienx jilmenta fuqha kienet omm l-attur u kien qalilha li dan kien minhabba li qatt ma kienet tghid kontra l-konvenuta.

Wara l-kuntratt ta’ separazzjoni tghid li l-access gie regolat billi waqt il-granet skolastici u meta l-attur ikollu xoghol rest u off ikun mit-3pm sas-6 pm u b’mod alternattiv fil-weekend mis-7 pm.

Il-konvenuta pero’ tistqarr li dejjem tinsisti mal-minuri li ghandu jmur ma’ missieru, izda qatt ma kien herqan biex imur u kienet l-ewwel haga li kien isaqsiha filghodu. Kien ihoss li missieru kien jigdiblu meta kien ighidlu li kien sejjer ghax-xoghol. Kien jiddejjaq ghax ma kienx iqatta’ hin mieghu u kien joqghod icempel lil ommu. L-iktar haga li kienet bdiet tbezzghu kien meta l-attur kien hadu mieghu l-ghassa u kien qallu li l-konvenuta kienet

ser tispicca l-habs. Il-preokkupazzjoni principali tieghu hija li jigri xi haga lil ommu u jkollu jispicca ma' missieru u minhabba f'hekk kien jaqta' iljieli ma jorqodx ghax joqghod jehwden. Meta kellhom jitlaqghu McDonalds mal-attur, kien inhasad x'hin rah hemm u mar jigri fit-toilet u kellha tkellmu l-konvenuta biex johrog tal-anqas isellem lil missieru. Tghid ukoll li l-ewwel darba li l-minuri kellu jitlaqa' mal-attur ma riedx jinzel u l-attur kien ipponta subghajh lejh u qallu li jekk ma jarahx hu lanqas il-konvenuta ma kienet ser tarah. Minn hemmhekk kienet iddecidiet li tinzel mal-minuri meta kien qed isir l-access. Illum il-minuri ma jmurx, izda kien baqa' jiltaqa' ma' missieru bejn Ottubru, 2016 u Lulju, 2019. Il-konvenuta tinsisti li minn naha taghha dejjem insistiet li ghandu jzomm relazzjoni ma' missieru, ghax trid trabbih sew b'valuri tajbin u kien ghalhekk li kienet ghenet lill-attur biex jibni relazzjoni tajba ma' missieru meta ma kellux. Fil-fatt, anke jekk ma kienx qed imur ghall-access xorta igieghlu jcempillu.

Tinnega li tiehdu fuq id-dghajsa waqt l-access u s-sajf li ghadda kien dizastru peress li kollox kien jiddependi fuq l-access u jekk il-minuri kienx ser imur. Tghid li l-attur lanqas biss jinsisti jekk it-tifel ma jkunx irid imur. Anke meta kien jistennih jinzel mill-van, it-tifel ma jkunx irid ikellmu u hi tipprova tikkonvincih sabiex ikellmu u l-konversazzjoni tkun xotta ghall-ahhar.

Il-konvenuta esebit diversi dokumenti relatati ma' dak li xehdet.

3. NA, surmast tal-iskola Stella Maris College, fejn jattendi l-minuri T, ikkonferma li f'dak iz-zmien li kien qed jixhed, il-minuri kien qieghed f' Grade 4. Ighid ukoll illi skond ir-rekords taghhom, il-minuri jista' jingabar mill-immediate family, li f'dan il-kaz huma n-nanniet.

Imbaghad gara li fil-15 ta' Ottubru, 2019, it-tifel minuri hassu ma jiflahx u kien gie jigbru l-partner tal-konvenuta. Peress li sa dak iz-zmien l-iskola ma

kellhiex dokumentazzjoni u ma kinitx infurmata bis-separazzjoni kienu taht l-impressjoni li kien gabru missieru. Kien hawnhekk li cempel l-attur biex jivverifika x'kien gara u minn hawn infurmahom li hu u l-konvenuta kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u kemm hu kif ukoll il-konvenuta kienu bghatulhom il-kuntratt ta' separazzjoni. Oltre dan l-attur kien anke baghat ukoll ir-rapport tal-avukat tat-tfal.

4. AF, jahdem mas-socjeta' Oil Tanking Ltd.,ipprezenta l-granet u l-hinijiet meta l-attur kien xoghol bejn l-1 ta' Gunju sal-1 ta' Dicembru, 2019.

5. WPC 99 Josette Pace, ipprezentat diversi rapporti [2] li saru mill-partijiet bejn is-snin 2016 sas-sena 2019 u kontra J, pero' ma kinitx taf min kien ghax xogholha relatat mal-file.

6. Fr. RG jaf lill-konvenuta peress li ohtha D u zewgha huma voluntiera fil-Parocca tieghu tas-Swatar u D hija ukoll segretarja tal-kunsilll Pastorali Parrokkjali u gieli l-konvenuta tkun maghha. Lill-minuri T, jafu ftit qabel m'ghamel l-Ewwel Tqarbina fl-2017 u wara peress li kien ghamel zmien abbati u gieli kien jattendi ghal-laqghat u gieli le. Meta staqsih ghalfejn kien qallu li meta imissu ma' missieru, ma jgibux ghal-laqghat. Izid ighid li kien hemm okkazzjoni fejn il-minuri kien talbu biex jaghmel appuntament ha jkellmu u kien sahansitra cempillu l-minuri stess biex jaghmel l-appuntament. Kien jirrakkonta l-affarijiet li kienu ghaddejjin bejnu u missieru u kien igerger u iktar m'ghadda z-zmien u kien gieli mbezza' illi missieru seta' jaghmel xi haga li biha seta' jwegga' lill-ommu.

[2] Ara Dok. JP 1

Ighid li l-minuri kien ilu jilmenta mieghu, izda dan l-ahhar kien rah li qaleb ghall-aghar. Kien ighidlu li missieru jigdiblu u ma riedx jarah iktar. Kien ighidlu li kien sejjer ix-xoghol u skond hu ma kienx minnu, ghax il-hwejjeg kienu differenti. Kien ikkuntenta lil ommu darba biex jawgura lil missieru l-Milied it-tajjeb, izda meta qallu kien irrabbjat u semma' li ma kienx ser jiltaqa' missieru iktar. Kien imdejjaq ukoll ghaliex meta jkun ma' missieru, gieli jhallih wahdu, ma jilghabx mieghu u gieli anke hallih ma' nanntu. Peress li kien jipprova jghinu mill-aspett spiritwali kien jipprova jispjegalu li ma jistax jiggudika lil missieru u jipprova jghaddi kelma tajba sabiex jikkalmah.

Ighid li mal-attur kien tkellem forsi darbtejn u mal-konvenuta gieli tkellmu peress li kienet tidher inkwietata, pero' ma kienx ighidilha dak li kien qalilha l-minuri T peress li marbut bis-sigriet. Kienet tinsisti mieghu li ma kinitx tghid kontra l-attur mal-minuri, anzi dejjem kienet tipprova tressqu lejn missieru, minkejja li dejjem tigi akkuzata. Imma, il-minuri huwa matur hafna ghall-eta' tieghu, Minn kif tkellem it-tifel, ix-xewqa tieghu issa hi li jara lil missieru meta jiddeciedi hu, izda ghalissa huwa kmieni wisq.

Ighid li l-ahhar darba li kien tkellem mal-minuri kien ghall-habta ta' Awissu.

Fl-ahhar mill-ahhar seta' jikkonkludi li l-iktar haga li ddejjaq lill-minuri hija n-nuqqas ta' attenzjoni tal-attur, il-biza li ser jaghmel xi haga lill-konvenuta u li kontinwament ighid kontra l-konvenuta.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**KURA U KUSTODJA**

Il-Qorti taghraf illi skond il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija regolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal u l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal. Fis-sentenza **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003 intqal illi:-

***"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din ix-xorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut…."***

Skond is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2018:-

***"Il-Qorti ghaldaqstant, ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili. Illi kif kellha l-okkazzjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm***

***quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna huwa 'l fuq iccitata."***

L-atturipprezenta dina l-kawza fejn qed jitlob varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni in kwantu jirrigwarda l-kura u access tal-minuri T billi jigu annullati l-klawsoli li jirregolaw l-access u jinghata l-kura u kustodja lill-minuri. Il-konvenuta da parti taghha qed tikkontesta dan u fil-fatt ipprezentat kontro-talba fejn talbet li ghandhom jigu varjati l-klawsoli rigwardanti l-access.

Kif diga' ppuntwalizzat, dina l-Qorti, meta ghandha quddiemha kawza fejn trid tiddeciedi fuq il-kura u kustodja ta' minuri, mill-assjem tal-provi ghandha tevalwa jekk hux fl-ahjar interess tal-minuri li tafda l-kura u kustodja f'idejn wiehed jew l-iehor mill-genituri, jew tafdah b'mod kongunt.

Minn mindu l-partijiet isseparaw, ir-relazzjoni bejn l-attur u l-minuri T qalbet ghall-aghar. Il-konvenuta pprecizat li l-problemi kienu dejjem jezistu minn qabel is-separazzjoni, izda qalbu ghall-aghar wara. Mir-rizultanzi processwali hareg li l-problemi li qed jiffaccja l- minuri fir-relazzjoni ma' missieru huma l-iktar minhabba li l-missier ma jiddedikax hin ghalih, li hu u l-familjari tieghu jitkellmu kontra l-konvenuta meta jkun mieghu, jew addiritura jhallih maz-zija H, u jitlaq. Kien hemm episodji li wasslu lill-minuri jkun mahkum mill-biza' li l-attur ser jaghmel xi haga lill-konvenuta u jispicca jkollu joqghod mal-attur. Kaz in kwistjoni meta ha l-minuri l-ghassa biex jaghmel rapport kontra l-konvenuta u tah x'jifhem li ommu ser tispicca l-habs.

Dawn il-preokkupazzjonijiet tal-minuri gew ukoll issottolinejati mill-avukat tat-tfal Dr. Stephanie Galea:-

***"…imma missieru ma jaghmilx naqra effort biex jiddevertu flimkien waqt l-access u minflok jiehdu d-dar u jistennew il-hin jghaddi. Barra minn hekk kemm missieru kif ukoll il-familjari ta' missieru, joqoghdu jkellmu lil Timmy kontra ommu – xi haga li jdejjaq hafna lil Timmy. Anke meta gieli kellu xi attivita' extra-curricular waqt l-access, Timmy kellu jitlifha ghax missieru ma jkunx irid jiehdu."***

Il-minuri T ukoll hass li kellu jiftah qalbu ma' Fr. R G, il-Kappillan tal-Parrocca ta' Swatar fejn l-minuri ghamel zmien bhala abbati. Fr. G, jikkonferma l-verzjoni tal-avukat tat-tfal, kif ukoll tal-konvenuta. Kien l-istess minuri li talbu biex ikellmu u kien hu stess li cempillu ghall-appuntament. Ma involvix lill-konvenuta fl-ebda hin. Kien stqarr mieghu dak li kien qed idejjqu u jirrabbjah. Fr. G ikkummenta hekk dwar dak li qallu l-minuri T:-

***"L-ewwel nett, nahseb il-fatt illu, ma jkunx hemm verament attenzjoni personali lejn it-tifel, meta l-missier ikun mieghu. Il-biza', illi l-missier, jista' jaghmel xi haga lill-omm u b'mod specjali, Timmy iddejjqu hafna ukoll, il-papa' tieghu, Bertolt, jghidlu kontra ommu. ….biex noqghod man-nanna, jew noqghod id-dar, jew noqghod nara t-televixin, ma jilghabx mieghi. »***

Minkejja li t-tifel minuri T ghandu biss tmien snin jidher li huwa matur hafna u assertiv li kapaci jiehu decizjonijiet ghalih u jzomm maghhom. Jaf xi jrid u qed jirrifjuta li jiltaqa' ma' missieru fil-hin tal-access. Il-konvenuta xehdet li hi dejjem tipprova taghtih ezempju u tressaq lill-minuri lejn

missieru. Anke jekk kemm il-darba ma jmurx ghall-access igieghel lill-minuri jcempel lil missieru. Fr.G jikkonferma l-verzjoni tal-konvenuta u jinsisti li ghalkemm qatt ma tkellem mal-konvenuta dwar dak li qallha l-minuri, kien jaraha mdejjqa u kien ikellimha u kienet ammettiet mieghu, li minkejja li taghmel hilitha sabiex il-minuri jzomm kuntatt mal-attur, xorta wahda tigi akkuzata.

Il-Qorti hija konvinta li z-zewg genituri jhobbu hafna lil binhom, imma kif jigri hafna drabi f'kazijiet simili, it-tfal jintuzaw bhala arma u biex genitur jipprova jirbah lit-tifel billi jghidlu li jekk ma jarahx lanqas ser jara lil ommu jew li l-ghassa tfisser habs ghall-omm, huma affarijiet difficli sabiex tifel jiddigerihom. Mhumiex atteggjamenti u diskors li jservu ta' gid ghat-tifel u ghalhekk dina l-Qorti m'hi sorpriza xejn b'dik il-biza' u sens ta' protezzjoni li ghandu l-minuri ghall-ommu. Hija l-fehma tal-Qorti li f'dan il-kaz, l-attur kellu jaghraf in-nuqqasijiet tieghu qabel ma jitfa' jigri t-talbiet li ghamel f'din il-kawza. Ma rrizultawx l-estremi biex jigi dikjarat li hemm 'parental alienation' mill-omm fuq il-minuri fil-konfront tal-missier, izda kienu biss nuqqasijiet tal-istess missier li wasslu biex it-tifel tbieghed minnu. Ghalhekk huwa aktar xieraq li ssir terapija mal-attur sabiex jaghraf fejn jista' jtejjeb l-imgieba tieghu fil-konfront ta' ibnu.

Ghalhekk, il-verzjoni tal-attur li l-konvenuta tghawwi l-minuri biex ma jmurx ma' missieru mhix tenibbli u kkorroborrata bl-ebda mod. Il-minuri huwa cert mir-ragunijiet li wassluh biex jiehu dawn id-decizjonijiet u ghalhekk ma jridx jiltaqa' ma' missieru. Dina l-Qorti bla ebda mod m'hi qed tiggustifika l-agir tal-minuri, ghax l-attur dejjem jibqa' missieru u ghandu jigi rispettat, izda hemm bzonn ta' hafna terapija bejn it-tifel minuri

u missieru biex terga' tinbena relazzjoni soda. It-tifel mhux lest fil-mument li jerga' jibni din ir-relazzjoni u certament bl-eta' tenera tieghu, anke jekk huwa pjuttost matur ghall-eta' tieghu, xejn ma jnaqqas mill-fatt li wahdu zgur mhux ser jirnexxielu jahdem fuq dina r-relazzjoni. Huwa l-missier li ghandu johrog mit-triq tieghu w jersaq lejn ibnu. F'hafna kazijiet bhal dawn, u dan il-kaz mhuwiex differenti minn ohrajn, huma l-adulti li ghandhom jaghmlu l-isforz u jibnu relazzjoni ma' wliedhom. Il-Qorti hija konvinta li Timmy huwa lest jistenna lil missieru jbiddel l-atitudni tieghu, u daqstant hija konvinta wkoll li l-attur ser jaghmel minn kollox biex jitghallem kif imur ma' ibnu.

L-attur da parti tieghu ghandu hafna nuqqasijiet u jidher li ma jafx kif igib ruhu mat-tifel u forsi tenut kont li ma tantx kellu relazzjoni tajba ma' missieru, sakemm il-konvenuta gieghlitu jaghraf l-importanza ta' missieru f 'hajtu. Il-konvenuta tammetti fil-fatt li xi kultant huwa t-tifel T li jaghmilha tal-missier. Ghalhekk huwa inkoncepibbli ghal dina l-Qorti, li temmen il-verzjoni tal-attur meta lanqas biss irribatta dak li sostniet il-konvenuta f'dan is-sens. Tifel irid l-attenzjoni u l-*quality time* tieghu ma' missieru u mhux jigi mghobbija bil-piz tal-problemi tar-relazzjoni ta' zewg adulti li nzertaw il- genituri tieghu.

L-avukat tat-tfal Dr. Stephanie Galea irrakkomandat li l-kura u kustodja ghandha tibqa' wahda kongunta, bir-residenza tkun mal-konvenuta, b'dana pero' li l-access jibqa' wiehed ampju u liberu fid-diskrezzjoni tal-minuri peress li fil-present ma jhossx li ghandu jiltaqa' ma' missieru. Madanakollu, anke irrispettivament mix-xewqa tal-minuri, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-access ma jistax jibqa' daqshekk wiesgha minghajr ebda

direzzjoni, ghax tinholoq ricetta li tiddistanzja ghal kollox ir-rapport bejn l-iben u l-missier.

Certament tezisti l-htiega sabiex ikun family therapy bejn il-partijiet, kif ukoll il-minuri sabiex, flimkien iwasslu primarjament, lill-attur jifhem li ghandu rwol bhala missier u kif jista' jibni bond mal-istess ibnu. It-tieni nett, l-ghan tal-istess terapija ghandu jkun li jwassal biex igib kooperazzjoni bejn il-genituri, halli flimkien iwasslu l-messagg lit-tifel minuri li minkejja d-differenzi taghhom, hadd minnhom m'ghandu l-intenzjoni li jwegga' lil iehor. Hekk biss tista' tinbena t-triq li fl-ahhar ghandha twassal ghall-bidu mill-gdid tar-relazzjoni bejn l-attur u T u qabel ma jintlahaq dan l-iskop isir kompitu difficli biex jigi varjat il-kuntratt in kwantu l-klawsoli li jirrigwardaw l-access.

Ghalhekk in vista ta' dan, ikun opportun li tintlaqa' r-raba' kontro-talba u jigi nominat "family therapist" li ghandu jsegwi lill-attur in partikolari, u jikkomunika wkoll mal-konvenuta u mal-minuri, bil-ghan li terga' tinbena relazzjoni bejn il-missier u l-iben. Ghal dan il-ghan, il-Qorti qed tinnomina lil Willingness Centre biex jipprovdu din it-terapija lill-attur, kif hawn fuq spjegat. Il-konvenuta u l-minuri ghandhom ukoll jattendu ghal xi sessjonijiet jekk u meta mitluba mill-istess Willingness. Dan l-inkariku ghandu jkun a spejjez unikament tal-attur.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tichad l-ewwel talba.

2.Tichad it-tieni talba u ghalhekk tordna li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta, bir-residenza principali tal-minuri tkun dik tal-konvenuta.

**KONTRO-TALBA**

1.Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba.

2. Tilqa' r-raba' talba u ghalhekk tordna li l-attur jattendi ghal sessjonijiet ta' terapija sabiex jerga' jibni relazzjoni ma' ibnu, hekk kif spjegat aktar 'il fuq.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet. L-ispejjez tal-inkariku moghti lil Willingness Centre huma a kariku tal-attur.

**Onor.Imhallef Anthony J.Vella** **Registratur**